# Dikjarazzjoni Favur id-Dinjità u Kontra r-Razziżmu

***Aħna hawn taħt iffirmati,  politi*ċi *Maltin,***

1. Konxji mil-leġiżlazzjoni Maltija kontra t-tħeġġiġ tal-mibegħda razzjali u b'mod ġenerali kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni razzjali inklużi l-Artikli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,
2. Nagħrfu r-rwol kruċjali tal-mexxejja politiċi li jinfurmaw lill-poplu dwar il-migrazzjoni u l-integrazzjoni u jfasslu l-mod kif isir id-dibattitu fuq livell nazzjonali,
3. Nirrikonoxxu l-impatt li jista' jkollu d-diskors politiku u soċjali dwar il-migrazzjoni fuq il-ħajja u l-integrazzjoni tal-minoranzi etniċi u reliġjużi f'Malta, fosthom l-immigranti u l-minoranzi etniċi li jgħixu f'Malta,
4. Imħassba biż-żieda fil-messaġġi ksenofobiċi u razzisti li ġew espressi dan l-aħħar, fost l-oħrajn fuq l-internet;

***Inwiegħdu li:***

1. Nuru b'mod ċar u konsistenti li niċħdu kull forma ta' razziżmu f'dak kollu li ngħidu u nagħmlu.
2. Nitkellmu b'mod responsabbli u ġust dwar suġġetti sensittivi marbutin ma' gruppi ta' nies bħall-immigranti u l-minoranzi etniċi, fosthom ir-refuġjati u dawk li qed ifittxu l-kenn, biex nevitaw li nitfgħu dell ikrah fuqhom u nħarsu d-dinjità tagħhom.
3. Nużaw lingwaġġ xieraq, preċiż u meqjus meta nirreferu għall-immigrazzjoni u għall-immigranti u niddiskutu dawn it-temi, biex nevitaw li nqanqlu l-ksenofobija, il-biża' bla bżonn, l-impressjoni ta' kriżi u l-paniku morali.
4. Nikkundannaw, u fejn ikun possibbli inwaqqfu, kull tip ta' materjal u kull stqarrija li jqanqlu, intenzjonalment jew indirettament, il-mibegħda, jew jesprimu preġudizzju minħabba r-razza, il-kulur tal-ġilda, in-nazzjonalità jew l-oriġini nazzjonali, jew inkella minħabba l-isfond etniku, l-istatus legali u marbut mal-immigrazzjoni, jew it-twemmin reliġjuż tal-persuni.
5. La nassoċjaw ruħna u lanqas nagħmlu alleanza ma' partiti politiċi u organizzazzjonijiet li jqanqlu l-mibegħda minħabba l-preġudizzji etniċi u razzjali.

# Pledge for Dignity and Against Racism

**We, the undersigned, Maltese politicians ,**

1. Mindful of national legislation combatting incitement of racial hatred and more broadly combatting racism, xenophobia and racial discrimination including Articles 32 and 45 of the Maltese Constitution,
2. Recognizing the critical role played by political leaders in informing and shaping the national debate around migration and integration,
3. Acknowledging the impact of social and political discourse on migration on the well-being and integration of ethnic and religious minorities in Malta including migrants and ethnic minorities living in Malta,
4. Concerned by the intensified xenophobic and racist messages being noted recently in public discourse including on the internet;

***Resolve:***

1. To send a consistent and clear message that we reject racism in all its guises
2. To deal responsibly and fairly with sensitive topics relating to migrant groups and ethnic minorities, including asylum seekers and refugees; to safeguard their dignity and avoid their stigmatization.
3. To adopt appropriate, accurate and sensitive language when referring to and discussing migration and migrant groups in order to avoid fuelling xenophobia, unfounded fear, crisis and moral panic.
4. To condemn, and wherever possible stop, any materials or statements that intentionally or indirectly incite hatred or express prejudice on the grounds of race, colour, nationality or national origin, ethnic background, migrant and legal status or religious belief.
5. To refrain from political alliance or association with any political party, or organization that incites ethnic prejudice and racial hatred.